**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 15 ta' Dicembru 2023**

**Rikors Numru: 4/2014 MLF**

**Mario Falzon f'ismu proprju u ghan-nom tad-ditta Proman Interiors**

**vs**

**Erika Zammit**

Il-Qorti

1. Rat l-avviz tal-attur fejn talab sabiex il-konvenuta tigi kkundannata thallsu is-somma ta' ghaxart elef disa' mija u wiehed u hamsin euro u hmistax il-centezmu (Euro10,951.15c) u dana skond statement Dok. "A", bilanc ta' somma akbar rapprezentanti prezz ta' appalt konsistenti f'xoghol ta' plumbing, elettriku, injam u gebel, inkluz VAT, ezegwit fuq istruzzjonijiet tal-intimata fil-house of character 2, Alley 1, Triq Preziosi, Lija.

   Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-5 ta' Settembru 2013, u tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment ma' dan l-Avviz, u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' dan l-att kontra l-konvenuta.

2. Rat ir-risposta tal-konvenuta fejn eccepiet:

   i. Illi t-talbiet attrici huma fil-parti l-kbira minnhom nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez u dana peress li r-rikorrenti thallas tax-xoghol minnu esegwit skond tariffi minnu mibghuta qabel ma nbdew ix-xogholijiet;

   ii. Illi minghajr pregudizju ghas-suespost, l-esponenti ma ghandhiex tbati l-ispejjez ta' dan il-gudizzju peress illi r-rikorrenti naqas li jattendi ghal diversi laqghat mal-perit ta' l-esponenti sabiex il-kont minnu mibghut jigi verifikat.

3. Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha ipprezentati.

4. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

**Il-Fatti**

5. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

   i. L-attur xehed li l-konvenuta kienet avvicinatu u talbitu stima ghal diversi xogholijiet ta' *finishes* li riedet taghmel fil-fond taghha. Ghal dan l-iskop l-attur kien spezzjona l-fond tal-konvenuta, ikkonsulta ma' pjanta tal-perit li kienet fornietlu l-istess konvenuta, u kien hareg stima relattiva ghax-xogholijiet li gie mitlub jesegwixxi.[1] Huwa spjega li matul l-andament tax-xogholijiet il-konvenuta kienet ghamlet diversi hlasijiet akkont ghal total ta' €31,167.90. Xehed li meta l-inkarigu moghti gie esegwit fl-intier tieghu, huwa kien hareg kont finali ghall-ammont komplessiv ta' €42,119.05, u ghalhekk wara li jitnaqqsu l-hlasijiet akkont maghmula mill-konvenuta, kien jifdal bilanc dovut lilu ta' €10,951.15.[2] L-attur spjega li kien hemm diskrepanzi bejn il-kwantita' ta' xoghol indikat fl-istima u dak li effettivament gie esegwit minnu, u dan peress li kien hemm xogholijiet indikati fl-istima li ma sarux

[1] Ara l-kont finali tal-attur li jnikludi fih l-istimi immarkat bhala Dok A a *fol*. 17 tal-process
[2] Ara l-*Bill of Quantities* immarkat bhala Dok C a *fol*. 31 tal-process

jew saru minn terzi, u kien hemm xoghol addizzjonali li huwa wettaq u li ma kienx ppjanat meta huwa hareg l-istima tieghu.

ii. L-attur kompla jipjega li l-konvenuta riedet tivverifika dan il-kont finali mal-perit taghha, u li wara xi zmien huwa rcieva kont mahdum mill-Perit Claire Bezzina, perit *ex parte* tal-konvenuta, li kien jammonta ghal €31,655.69 u li meta ma' dan l-ammont tizdied it-taxxa fuq il-valur mizjud jammonta ghal total ta' €37,353.36, u ghalhekk €4,761.73 anqas mill-kont finali tieghu.[3] L-attur jikkontendi li l-kont tal-Perit Bezzina ma jiehux in kunsiderazzjoni r-rati indikati fl-istima tieghu li kienu gew accettati mill-konvenuta, ix-xoghol kollu li huwa wettaq fil-kantina, ix-xogholijiet addizzjonali tas-suffetti mitluba mill-konvenuta u l-kejl tas-sollijiet.[4]

iii. Il-Perit Claire Bezzina xehedet li hija kienet giet inkarigata mill-konvenuta biex tivverifika l-kont rilaxxat mill-attur u dan ghab-bazi ta' *bill of quantities* li kien jinkludi kemm rati li kienu maqbula fl-istima mahruga mill-attur qabel bdew ix-xogholijiet u anke fuq stimi ohra li ntalbu waqt l-andament tax-xogholijiet. Il-Perit Bezzina spjegat li filwaqt li kien hemm qbil bejn il-partijiet dwar parti sostanzjali mix-xogholijiet ezegwiti, kien hemm diskrepanzi fuq partijiet ohra minn dawn ix-xogholijiet.

iv. Fost dawn kien hemm ix-xoghol relatat mal-kantina li minn ezami vizwali li kienet ghamlet hi ma kienux jidhru estensivi daqs kemm pretenda l-attur, u li dawn kienu limitati ghall-applikazzjoni taz-zejt tal-kittien mal-hitan tal-kantina. Spjegat li minkejja li hija kienet talbet lill-attur jiggustifika l-kont tieghu f'dan ir-rigward, minn naha tal-attur ma rcevitx risposta. Dwar ix-xogholijiet tas-suffetti l-Perit Bezzina spjegat li dawn gew imkejla fuq il-post u kien irrizultalha li whud minnhom kienu mnizzla darbtejn fil-kont tal-attur. Ghalhekk kienet talbet aktar informazzjoni minghand l-attur li anke f'dan ir-rigward ma tahiex risposta. Finalment dwar ix-xogholijiet tas-sollijiet spjegat li fil-kont finali mahrug mill-attur dawn kienu indikati fl-entrata numru 10 fl-ammont ta' €326 u mhux fl-ammont ta' €854 kif imsemmi fl-affidavit tal-attur.[5]

---

[3] Ara Dok B a *fol.* 19 tal-process

[4] Ara l-affidavit tal-attur a *fol.* 14 tal-process

[5] Ara x-xhieda tal-Perit Claire Bezzina a *fol.* 46 tal-process u l-kontro-ezami taghha a *fol.* 152 tal-process

v. Il-konvenuta xehedet li qabel ma bdew ix-xogholijiet il-partijiet kienu qablu fuq l-istima li kien hejja l-attur.[6] Spjegat li wara li sar ix-xoghol l-attur kien hareg kont li kien ghola minn dak mifthiem inizjalment.[7] Minn dan il-kont il-konvenuta tilmenta mis-segwenti:

a. *Gypsum Soffits* (entrata numru 5) – fil-kont tal-attur esebit mill-konvenuta l-ammont indikat ghal dan ix-xoghol kien ta' €1,626[8] mentri fil-kont esebit mill-attur l-ammont zdied ghal €2,565.[9] Il-konvenuta tikkontendi li mill-kejl li ghamlet il-perit *ex parte* taghha, l-ammont dovut f'dan ir-rigward kellu jkun ta' €1,557.60.

b. *Flooring and wall tiling* (entrata numru 9) – minkejja li l-ammont fl-istima u fil-kont finali huma identici, u cioe' €3,135.58, kien irrizultalha li l-kejl kien inqas minn dak imkejjel mill-attur li kien ihalli differenza ta' circa €1,000 li l-attur kien qieghed jitlob aktar.

c. *Resin Marble Works* (entrata numru 10) u *Windows and Door Sills* (entrata numru 18) – fl-istima kien indikat biss *Resin Marble Works* fl-ammont ta' €775 imbaghad fil-kont dan l-ammont gie mnaqqas ghal €450 filwaqt li zdiedet l-entrata numru 18 bhala *Windows and Door Sills* fl-ammont ta' €854. Il-konvenuta tikkontendi li *f'email* datata 24 ta' Dicembru 2012, u ghalhekk waqt li kienu ghaddejjin ix-xogholijiet, l-attur kien ikkonferma li l-prezz tas-sollijiet kien €326 u mhux €854 kif indikat fil-kont finali.[10]

d. *Bedroom Furniture* (entrata numru 14) – il-konvenuta tikkontendi li l-ammont ta' €1,976[11] mhuwiex dovut ghaliex l-attur qatt ma kkonsenjalha din l-ghamara.

---

[6] Ara l-istima immarkat bhala Dok EZ1 a *fol.* 67 tal-process
[7] Ara Dok EZ2 a *fol.* 79 tal-process
[8] Ara l-kont datat 7 ta' Marzu 2013 immarkat bhala Dok EZ2 a *fol.* 79 tal-process
[9] Ara l-kont datat 31 ta' Lulju 2013 immarkat bhala Dok A a *fol.* 17 tal-process
[10] Ara Dok EZ3 a *fol.* 80 tal-process
[11] Ara l-kont datat 31 ta' Lulju 2013 immarkat bhala Dok A a *fol.* 17 tal-process

e. *Extra AC pipe work* (entrata numru 20) – il-konvenuta tikkontendi li l-ammont ta' €2,436 mitlub mill-attur huwa esagerat meta kkumparat mal-ammont ta' €1,650 (entrata numru 3) li hija intalbet thallas ghall fornitura ta' 3 *air conditioners*.

vi. Il-konvenuta tilmenta wkoll li, ghal kuntrarju ta' dak allegat mill-attur, mhux ix-xoghol kollu li tieghu qieghed jintalab il-hlas kien kompletat fl-intier tieghu. Oltre dan, hija tikkontendi li certi xogholijiet saru mill-attur minkejja li hija taghtu struzzjonijiet biex ma jaghmilhomx u wkoll tilmenta mill-fatt li kien hemm xogholijiet li ma sarux mill-attur skond is-sengha u l-arti.[12]

vii. Justin Attard xehed li s-socjeta' Just Construction Limited, li taghha huwa direttur, kienet giet inkarigata mill-konvenuta sabiex tesegwixxi xogholijiet fil-fond taghha u li waqt dawn ix-xogholijiet kienet giet skoperta kantina fil-fond tal-konvenuta. Ghalhekk kienu saru xi xogholijiet fl-istess kantina u li wara li dawn tlestew il-post gie mnaddaf. Spjega li l-hitan tal-kantina ma ghandhomx fil.[13]

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

6. L-attur qed jitlob il-hlas ta' bilanc ta' prezz ta' appalt konsistenti f'xogholijiet li huwa wettaq fuq inkarigu tal-kovenuta. Il-konvenuta ressqet zewg eccezzjonijiet ghat-talba tal-attur. L-ewwel eccezzjoni hija fil-mertu u permezz taghha l-konvenuta teccepixxi li l-attur diga' thallas ghall-parti l-kbira tax-xoghol minnu esegwit skond tariffi mifhtiema qabel ma bdew ix-xogholijiet. Bit-tieni eccezzjoni imbaghad il-konvenuta toggezzjona ghall-ispejjez tal-proceduri odjerni billi tallega li l-attur naqas li jattendi ghal diversi laqghat mal-perit taghha bl-iskop li jigi verifikat il-kont tieghu. Il-Qorti tosserva li fil-mori tal-proceduri, inkluz fin-nota tas-sottomissjonijiet taghha, l-konvenuta lmentat ukoll mill-kwalita' tax-xoghol ezegwit mill-attur, u dan meta hija ma kienet ressqet ebda eccezzjoni f'dan is-sens. Il-Qorti tqis li r-risposta tal-konvenuta tiddetermina l-linja ta' difiza taghha ghat-talba tal-attur, u ladarba dawn l-ilmenti ma kienux

[12] Ara l-affidavit tal-konvenuta a *fol.* 60 tal-process, ix-xhieda taghha in kontro-ezami a fol. 172 tal-process u x-xhieda taghha in ri-ezami a *fol.* 214 tal-process
[13] Ara l-affidavit ta' Justin Attard a *fol.* 169 tal-process

formalizzati f'eccezzjonijiet *ad hoc*, din il-Qorti mhux ser tkun qeghda tqishom bhala tali.

7. Id-divergenzi principali bejn il-partijiet jinsorgu minn diskrepanzi li jirrizultaw fl-istima rilaxxata mill-attur datata 28 ta' April 2012 u fil-kontijiet mahruga mill-attur datati 7 ta' Marzu 2013 u 31 ta' Lulju 2013. L-attur jikkontendi li matul l-andament tax-xogholijiet, il-konvenuta biddlet parti mix-xoghol li kienet talbitu jaghmel originarjament, u kien ghal din ir-raguni li fil-kont finali kien hemm xi diskrepanzi meta ikkumparati mal-istima.

8. Qabel ma tibda tikkonsidra dawn id-diskrepanzi, il-Qorti tosserva li fir-rigward tal-ghamara tal-kamra tas-sodda, ghalkemm hemm qbil bejn il-partijiet li din l-ghamara ma gietx konsenjata lill-konvenuta, l-ammont pretiz fir-rikors promotur tal-attur jinkludi fih il-prezz ta' din l-ghamara. Madankollu permezz ta' nota datata 8 ta' Ottubru 2018 l-attur irriduca t-talba tieghu ghall-ammont ta' €8,975.15 wara li naqqas mill-ammont pretiz l-ammont ta' €1,976 rapprezentanti l-prezz ta' din l-ghamara.[14]

9. Fir-rigward tas-soffitti, jirrizulta li originarjament dawn kellhom isiru fil-kamra tas-sodda biss, izda imbaghad waqt li kienu ghaddejin ix-xogholijiet il-konvenuta riedet li taghmel is-soffitti fil-kamra tal-banju, fil-kuridur u fil-kantina wkoll. Il-kontestazzjoni tal-konvenuta mhijiex li l-ammont mitlub mill-attur ghal dawn is-soffitti huwa ghola mill-ammont kwotat, izda li kien hemm diskrepanza meta l-kejl ta' dawn is-soffitti jigi mqabbel mar-rati kwotati mill-attur fl-istima tieghu.

10. Ma hemmx dubju li l-attur ghandu jedd li jithallas ghax-xoghol zejjed li gie mitlub jaghmel matul l-andament tal-ezekuzzjoni tal-appalt, madankollu huwa ma jistghax japplika rati ghall-istess tip ta' xoghol differenti minn dawk kwotati originarjament. Lanqas huwa korrett l-attur meta fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jargumenta li originarjament l-ammont kwotat ghall-kamra tas-sodda biss kien ta' €1,626. Dan huwa kontradett mill-istima tieghu minn fejn jirrizulta li l-prezz kwotat orignarjament kien ta' €920.

[14] Ara n-nota ta' riduzzjoni tal-attur a *fol*. 280 tal-process

11. Il-Qorti tqis li fir-rigward tas-soffitti ghandha taghti piz lix-xhieda tal-Perit Claire Bezzina, perit *ex parte* tal-konvenuta, li spjegat illi hija waslet ghall-ammont ta' €1,557.60 wara li qieset il-kejl tas-soffitti u applikat ir-rata li kienet ikkwotata originarjament mill-attur. B'zieda ma' dan, l-attur naqas milli jispjega d-diskrepanza bejn l-ammont ta' €1,626 indikat fil-kont datat 7 ta' Marzu 2013[15], u l-ammont ta' €2,565 indikat fil-kont datat 31 ta' Lulju 2013.[16] Ghalhekk l-ammont dovut mill-konvenuta ghar-rigward tas-soffitti huwa €1,557.60 u mhux €2,565 kif pretiz mill-attur, u konsegwentement mill-ammont dovut lill-attur ghandha tigi mnaqqsa s-somma ta' €1,007.40.

12. Kwistjoni ohra ta' divergenza bejn il-partijiet hija dik relattiva ghax-xoghol ta' kisi u dekorazzjonijiet, partikolarment ghal dak li jirrigwarda x-xoghol li sar fil-kantina. L-attur jikkontendi li huwa ghamel diversi xogholijiet fil-hitan tal-kantina, u b'mod partikolari billi naddaf il-hitan u s-soqfa taghha mic-carcir tal-konkos, kesa l-hitan u applika z-zejt tal-kittien. Minn naha l-ohra, l-konvenuta tikkontendi li x-xogholijiet esegwiti fil-hitan tal-kantina ma kienux estensivi kif pretiz mill-attur, u li kienu limitati ghall-applikazzjoni taz-zejt tal-kittien.

13. Il-Qorti tqis li l-konvenuta mhux qed tikkontesta li l-attur wettaq xogholijiet ohra fil-kantina li ma jaqghux taht id-deskrizzjoni ta' tikhil u dekorazzjonijiet, bhal ma huma l-installazzjoni tas-soffitt, t-tqeghid ta' madum u l-installazzjoni tal-elettriku. Il-kontestazzjoni tal-konvenuta hija immirata lejn il-fatt li l-kantina hija mqatta fil-blat u li ghalhekk ma f'hijiex fili li kienu jehtiegu tikhil.

14. Il-Qorti tqis li fil-kont datat 7 ta' Marzu 2013 hdejn l-entrata numru 2 deskritta bhala *Plastering and decorations* l-ammont indikat mill-attur kien ta' €8,686.29 u cioe' l-istess ammont kwotat mill-attur fl-istima tieghu. Imbaghad fil-kont tal-31 ta' Lulju 2013 dan l-ammont tela' ghal €10,220.62, u cioe' zieda ta' €1,534.33.[17] Mistoqsi dwar dan, in kontro-ezami l-attur xehed hekk *"Ghax actual till date. Sa dakinhar. Issa jekk ahna konna ghadna qed niksu, u jien kont ksejt tlett hitan minn 4 ta' kamra, sa dakinhar*

[15] Ara l-entrata numru 5 fil-kont immarkat Dok EZ2 a *fol.* 79 tal-process
[16] Ara l-entrata numru 5 fil-kont immarkat Dok A a *fol.* 17 tal-process
[17] Ara z-zewg kontijiet rispettivament a *fol.* 17 u *fol.* 79 tal-process

*jiena ccargjajt ta' 3 hitan minn 4."* [18] Ghalkemm l-attur jghid li din id-diskrepanza kienet dovuta ghal xoghol iehor li sar bejn id-dati taz-zewg kontijiet, dan mill-atti ma jirrizultax. Dak li jirrizulta huwa li l-kwistjonijiet bejn il-partijiet bdew propju meta l-attur hareg il-kont tas-7 ta' Marzu 2013 u li b'konsegwenza tieghu l-konvenuta inkarigat lill-perit taghha biex tivverifika l-konteggi tal-attur. In oltre, l-attur ma jghidx liema kienu l-hitan li allegatament kienu jehtiegu aktar xoghol fuqhom u lanqas jispjega kif wasal ghal din iz-zieda bejn iz-zewg kontijiet.

15. Jibqa' l-fatt li l-istima tal-attur ma kienitx tikkontempla x-xogholijiet fil-kantina ghaliex fiz-zmien li l-attur hareg l-istima tieghu, il-konvenuta ma kinitx konsapevoli li taht il-fond taghha kien hemm kantina mirduma, fatt dan li lanqas huwa kkontestat bejn il-partijiet. Ghalhekk l-ammont dovut lill-attur m'ghandux ikun limitat ghal €8,686.29 minnu kwotat, izda ghandu jinkludi fih x-xoghol maghmul mill-attur fil-hitan tal-kantina. F'dan ir-rigward, wara li rat ir-ritratti tal-kantina esebiti mill-konvenuta stess,[19] il-Qorti tqis li l-kantina in kwistjoni hija ffurmata kemm minn tqattih fil-blat izda wkoll minn gebel li jiffurmaw l-istess kantina u li ghalhekk ghandha mis-sewwa l-verzjoni tal-attur meta jghid li fil-kantina kien hemm fili li kienu jehtiegu tikhil.

16. Ghalhekk ir-rata applikata mill-perit *ex parte* tal-konvenuta fl-ammont ta' €2.65 kull metru kwadru ma hijiex dik korretta stante li dik ir-rata hija limitata ghall-applikazzjoni taz-zejt tal-kittien mal-hitan. Il-Qorti tqis li fic-cirkostanzi ghandha tigi applikata r-rata ta' €26.21 relattiva ghal xoghol fuq il-fil.[20] Isegwi ghalhekk li mill-ammont pretiz mill-attur ghandha tigi mnaqqsa s-somma ta' €863.35, u cioe' d-differenza bejn iz-zieda ta' €1,534.33 pretiza mill-attur u l-ammont ta' €670.98 rapprezentanti l-applikazzjoni tar-rata ta' €26.21 fuq il-kantina li ghandha kejl ta' 25.60 metru kwadru.

17. Il-konvenuta tikkontesta wkoll l-ammont pretiz mill-attur fir-rigward tas-sollijiet. Mill-istima originali mahruga mill-attur jirrizulta li l-attur kien ikkwota fl-entrata numru 10 deskritta bhala *"Resin/Marble works – Supply & Lay"* fis-somma ta' €775.[21] Fil-kont

[18] Ara x-xhieda in kontro-ezami tal-attur a *fol.* 244 tal-process
[19] Ara r-itratti a *fol.* 120 tal-process
[20] Ara r-rata a *fol.* 142 tal-process
[21] Ara l-entrata numru 10 fl-istima a *fol.* 67 tal-process

finali tieghu dan l-ammont nizel ghal €326, izda imbaghad l-attur zied entrata ohra bhala "*Windows and doors sills in Lg H Macs*" fis-somma ta' €845.[22]

18. Mill-atti jirrizulta li fl-24 ta' Dicembru 2012, waqt l-andament tax-xogholijiet, l-attur kien baghat *email* li permezz taghha informa lill-konvenuta li *"All windows will be done that is 6 in no for total of 326€"*.[23] Dan l-ammont jaqbel mal-ammont indikat fl-entrata numru 10 fil-kont finali tal-attur. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-attur jikkontendi li l-ammont l-iehor ta' €845 indikat fl-entrata numru 18 huwa dovut fir-rigward ta' materjal iehor tat-tip LG li gie mqieghed madwar il-banju.

19. Il-Qorti tosserva li l-provi prodotti mill-attur stess jikkontradicu dan l-argument tieghu. Dan qieghed jinghad partikolarment fid-dawl tal-fatt li fl-affidavit tieghu stess, l-attur xehed li l-entrata numru 18 kienet tirrigwarda *"is-sollijiet fit-twieqi u l-bibien"*[24] u mkien ma semma li din l-entrata kienet tirreferi wkoll ghall-materjal iehor installat madwar il-banju. In oltre, l-attur ma gab ebda prova sabiex jissostanzja din il-pretensjoni tieghu u dan meta kien jaf, anke minn qabel intavola l-procuderi odjerni, li dan l-ammont kien qieghed jigi kkontestat mill-konvenuta u l-perit taghha. Il-Qorti tirrileva li hu principju baziku li *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*, u ghalhekk f'dan il-kaz l-oneru tal-prova kienet tispetta lill-attur li ressaq it-talba tieghu bl-iskop li jithallas dak minnhu pretiz. Mhuwiex bizzejjed ghall-attur li jargumenta li fil-kontro-ezami l-konvenuta kkoncediet li kienet saret installazzjoni ta' dan il-materjal madwar il-banju, u li jghid li l-prezz tieghu zdied ghal €845 minghajr ma jressaq ebda prova ohra fir-rigward. In vista ta' dan, mill-ammont pretiz mill-attur ghandha tigi mnaqqsa wkoll is-somma ta' €845.

20. Fir-rigward imbaghad tal-ilment tal-konvenuta relattiv ghal *Flooring and wall tiling* (entrata numru 9) li l-kejl kien inqas minn dak imkejjel mill-attur, jirrizulta li fil-kont datat 7 ta' Marzu 2013 l-attur kien talab €3,135.58 izda dan l-ammont gie mnaqqas ghal €2,294.45 fil-kont finali datat 31 ta' Lulju 2013. Bl-istess mod fir-rigward tal-ilment tal-konvenuta relattiv ghal *Extra AC pipe work* (entrata numru 20), jirrizulta li ghalkemm fil-kont datat 7 ta' Marzu 2013 l-attur kien talab l-ammont "zejjed" ta'

---

[22] Ara l-kont immarkat Dok A a *fol.* 17 tal-process
[23] Ara Dok EZ3 a *fol.* 80 tal-process
[24] Ara t-tielet pagna tal-affidavit tal-attur a *fol.* 16 tal-process

€2,436, dan gie mnehhi fil-kont finali tieghu datat 31 ta' Lulju 2013, u li fuqu hija bbazata t-talba tal-attur. Ghaldaqstant ma hemmx lok li din il-Qorti tikkonsidra dawn l-ilmenti tal-konvenuta.

21. Fid-dawl tas-suespost, mit-talba tal-attur kif minnu ridotta ghall-ammont ta' €8,975.15, wara li jitnaqqsu s-somma ta' €1,007.40 fir-rigward tas-soffitti, is-somma ta' €863.35 fir-rigward ta' xogholijiet li saru fil-hitan tal-kantina, u s-somma ta' €845 fir-rigward tas-sollijiet, jifdal is-somma ta' €6,259.40 bhala bilanc li ghandu jithallas lill-attur mill-konvenuta.

22. Finalment u fir-rigward tat-tieni eccezzjoni tal-konvenuta, l-Qorti tirrileva li l-Artikolu 223(1) tal-Kodici ta' Procedura u Organizzazjoni Civili jippreskrivi li kull sentenza definittiva ghandha tikkundanna lit-tellief ghall-ispejjez. Is-subinciz (3) ta' dan l-istess artikolu jippreskrivi hekk:

*"(3) Fil-kazijiet kollha, il-Qorti tista' tordna li kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha, meta kull wahda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawza, jew meta jindahlu kwistjonijiet difficli tal-ligi, inkella ghal xi raguni tajba ohra."*

23. F'dan il-kaz jirrizulta illi kull parti kienet telliefa f'xi punt tal-kawza u dan peress li filwaqt li l-konvenuta kellha ragun ma taccettatx li thallas l-ammont kollu pretiz mill-attur, minn naha l-ohra l-attur kellu ragun ma jaccettax ir-riduzzjonjijiet kollha li riedet taghmel il-konvenuta. Wara li kkunsidrat ukoll li kien biss fi stadju inoltrat tal-kawza, meta l-istadju tal-provi kien maghluq u l-konvenuta kienet intavolat is-sottomissjonijiet taghha, li l-attur ghazel li jirriduci t-talba tieghu, b'applikazzjoni tal-Artikolu 223(3) tal-Kodici ta' Procedura u Organizzazjoni Civili, il-Qorti ser tordna li kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

**Konkluzjoni**

24. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tilqa' in parte l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet tal-konvenuta;

2. Konsegwentement, tilqa' limitatament it-talba tal-attur u ghalhekk tikkundanna lill- konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' sitt elef mitejn u disgha u hamsin Euro u erbghin centezmu (€6,259.40), bl-imghax mil-lum sad-data tal-pagament effettiv;

3. Tiddeciedi dwar l-ispejjez tal-kawza billi tordna li kull parti tbati l-ispejjez taghha.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**